**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 14**
**Rik. Gur. Nru. 54/07 JZM**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601), Citadel Insurance plc (C-21550), GasanMamo Insurance Limited (C-3143) u Middlesea Insurance plc (C-5553) bhala surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Corinthia Palace Hotel Company Ltd**

***kontra***

**ECO Group Limited**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Jannar 2007 li jaqra :–

*1. Illi s-socjetajiet rikorrenti jassiguraw, fi proporzjon differenti, u cioe` hamsin fil-mija (50%), ghaxra fil-mija (10%), sbatax fil-mija (17%), u tlieta u ghoxrin fil-mija (23%) rispettivament, il-lukanda Corinthia San Gorg, kontra riskji, fost affarijiet ohra, ta` hsarat fl-ingenji taghhom.*

*2. Illi s-socjeta` assigurata sofriet hsarat konsiderevoli fic-chillers taghha li hija ghandha fil-lukanda taghha Corinthia San Gorg, wara li s-socjeta` konvenuta nstallat capacitors fl-imsemmija chillers.*

*3. Illi s-socjeta` konvenuta, meta giet biex tinstalla l-imsemmija capacitors fl-imsemmija chillers installat l-istess capacitors hazin u b`nuqqas ta` hsieb, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta` hila fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, b`mod illi hekk kif l-imsemmija chillers gew imqabbda mas-sistema elettrika, sofrew hsarat ammontanti ghall-eluf kbar ta` liri, li gew stmati fis-somma ta` Lm25,000.*

*4. Illi s-socjetatjiet rikorrenti ghamlu tajjeb ghad-danni subiti fil-proprjeta` tal-assigurata taghha billi hallset lill-assigurata taghha s-somma ta` Lm25,000, kif ukoll nefqet is-somma ta` Lm1,346.08, bhala drittijiet professjonali, lill-konsulent taghhom Andre Cauchi u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet taghha abbazi tal-polza ta` assigurazzjoni u tal-ligi.*

*5. Illi s-socjeta` konvenuta mitluba diversi drabi sabiex taghmel tajjeb ghall-istess danni baqghet inadempjenti, anke meta giet ufficjalment mitluba permezz ta` ittri legali tat-13 ta` Ottubru u s-6 ta` Novembru 2006.*

*6. Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurata tas-socjeta` rikorrenti, li ghalihom ghamlu tajjeb l-istess socjetajiet assikuratrici rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, [2] jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti fis-somma ta` Lm26,346.08, (kwantu ghall-Lm25,000 hsara attwali fl-imsemmija chillers u kwantu ghall-Lm1,346.08 drittijiet professjonali mhallsa lill-konsulent inginier, Andre` Cauchi), jew somma verjuri, u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi, [3] jigu kkundannati jhallsu lis-socjetajiet rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti fil-proporzjon ta` hamsin fil-mija (50%) lis-socjeta` Atlas Insurance PCC Ltd., tlieta u ghoxrin fil-mija (23%) lis-socjeta` Middlesea Insurance Ltd., sbatax fil-mija (17%) lil GasanMamo Insurance Ltd. u ghaxra fil-mija (10%) lil Citadel Insurance plc – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*7. Bl-imghax skont il-ligi mit-2 ta` Marzu 2006, data meta saru l-pagamenti relattivi, u bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri legali tat-13 ta` Ottubru u tas-6 ta` Novembru 2006, kif ukoll tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa` ingunta ghas-subizzjoni taghha.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fid-9 ta` Frar 2007 u li taqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` konvenuta ma tistax tinstab responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-apparat, ossija chillers tal-lukanda Corinthia San Gorg, stante illi tali hsara ma kinitx dovuta ghal xi nstallar hazin da parte tas-socjeta` konvenuta tal-"capacitors" fuq ic-chiller izda minhabba f`cirkostanzi li dwarhom li ma kien hemm ebda kontroll.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi hija qatt ma tista` tinstab responsabbli ghall-ispejjez kollha tal-apparat tac-chiller , u dana stante illi l-hsara sofferta mill-apparat kien wiehed riparabbli u limitat u ma kienx jinhtieg illi l-apparat kollu jinbidel, dana tenut kont tal-fatt ukoll illi l-istess apparat li allegatament saritlu hsara rreparabbli, ghadu qed jintuza sal-lum, ghalkemm b`mod ridott, mill-istess lukanda Corinthia San Gorg.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fejn kienu mahtura l-Ing Michael Attard u l-Ing Michael Saywell bhala periti teknici.

Rat il-provi li gabru l-periti teknici u l-atti l-ohra relatati mal-ezekuzzjoni tal-inkariku taghhom.

Rat ir-relazzjoni li pprezentaw u halfu l-periti teknici.

Rat it-talba li saret ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat l-ordni tal-Onor. Prim`Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 li permezz taghha din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tibqa` tigi trattata u deciza minnha.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti kif presjeduta fis-16 ta` April 2015 fejn kienu mahtura bhala periti teknici addizzjonali : l-Ing Carmel Cuschieri, l-Ing Paul Cardona u l-Ing Emanuel Scerri.

Rat ir-relazzjoni li pprezentaw u halfu l-periti teknici addizzjonali.

Rat id-domandi li pprezentat il-konvenuta ghall-eskussjoni tal-periti addizzjonali kif ukoll ir-risposti taghhom bil-miktub.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-kontendenti jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Louis Borg** - direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta - xehed illi s-socjeta` konvenuta taghmel xoghol ta` konsulenza ghal progetti ta` *energy saving*. Is-socjeta` konvenuta kienet mitluba thejji rapport ghal-Lukanda Corinthia San Gorg. Wara li sar rapport, kienu awtorizzati jaghmlu xoghol ta` *power factor correction* sabiex il-lukanda tidhol fit-tariffa KVA. Fil-fatt saret il-*power factor correction* mhux biss il-Corinthia San Gorg izda fil-lukandi l-ohra.

Relattivament ghal-Lukanda Corinthia San Gorg, ittiehed il-qari ta` l-energija elettrika kollha tal-hotel. Spezzjona l-*cable* tal-*p.f. correction unit* fuq il-*mains incoming*, sar rapport u beda x-xoghol.

Qal illi nbidel il-*controller* tal-*p.f. unit* kif ukoll parti mill-*capacitors* li kienu mtajjrin u *contactors* fuq l-istess unit.

Kienu mizjuda *capacitors* fuq dan il-*unit* sakemm ix-xoghol kien jippermetti.

Peress illi ma setghux isiru aktar *capacitors* fuq il-*main,* kien deciz illi jsiru *capacitors at load* fuq ic-*chiller.* Dan kien necessarju peress li ma kienx hemm spazju fil-*cabinet* tal-*main unit.* Il-konvenuta stallat kemm-il darba sistemi ta` din ix-xorta. Kien hemm bnadi fejn intuzaw *contractors*, *fuses* u *overload devices* kif ukoll *capacitors* li twahhlu direttament mal-muturi.

Kompla jixhed illi l-*capacitors* twahhlu skont kif jidher fl-isketch Dok LB1.

Il-kalkoli saru billi ntuzat l-formula ta` l-INERLUX li huma s-*suppliers* tal-*capacitors.*

Barra minn hekk, kienu wzati kalkoli sabiex ikun ikkonfermat d-*data.*

Qal illi l-*load* tal-*capacitors* kien 40A 3 – 20 KVAr. At 00 V. Per phase 13.3A).

Ikkonferma li kien hu li ta struzzjonijiet lill-haddiema dwar il-mod kif kellhom jitwahhlu il-*capacitors.*

Kien ukoll prezenti waqt it-twettieq tax-xoghol.

Spjega li ghall-Corinthia kien hemm Konrad Cassar.

Wara li twahhlu l-*capacitators*, inqala` l-*unit* u huwa telaq.

Qal illi ftit tal-hin wara, ircieva telefonata fejn kien infurmat illi kienu nxteghlu l-kumpressuri ghal madwar hames sekondi pero` ntfwew ghaliex kif taghfset il-buttuna ON, dahal il-kumpressur mill-ewwel.

Spjega li huwa qalilhom biex ma jergghux jinghelu l-kumpressur u sabiex jaqilghu l-*capacitors.*

Meta mar lura fuq is-sit, sab il-*capacitors* maqlughin mill-*connection.*

Inxteghel il-kumpressur ; dan xeghel b`mod normali.

Dak il-hin kien prezenti wkoll David Baguely.

Stqarr illi halla l-apparat jahdem u rega` telaq.

Baqa` jistharreg ghalfejn xeghel il-kompressur mill-ewwel u mar fuq il-post sabiex jerga` jara l-kaz.

Stqarr illi l-kompressur kien ghadu jahdem normali. Mat-tielet gurnata, ircieva telefonata minghand Raymond Mangion ghal habta tas-2.00 p.m. li avzah illi kien hemm problema b`zewg kumpressuri u li kien qed jahdem fuq il-kumpressur l-iehor. Cempel lilu peress li kienu hu l-ahhar li hadem fuq dak il-kumpressur. Wiegeb lil Mangion fis-sens li xoghol ta` *airconditioning* ma kienx kompitu tieghu. Fil-fatt kien infurmat illi Titan kienu nkarikati ghall-verifika.

Kompla jghid li l-ghada huwa rega` mar fuq il-post biex jara x`kien gara. Min-naha tieghu ma setax jikkonkludi, peress li b`*capacitors* ta` 40A ma tistax iddawwar mutur ta` 200A ghal hames sekondi.

Spjega li l-lukanda sejhet lill-assirkurazzjoni, u saru testijiet mill-Inginier Andre Cauchi li kien jirrapprezenta l-assigurazzjoni.

Saru wkoll testijiet minn Titan mnejn irrizulta li zewg kumpressuri kienu qed juru *low insulation.*

Indaga ma` Titan sabiex jinfurmawh fejn kienet il-pompa taz-zejt izda baqa` bla taghrif.

Staqsa hekk peress illi Titan l-ewwel qalu li kellha tahdem il-pompa qabel ma jidhol il-kompressur.

Spjega li dawn kienu ser jifthu l-kumpressur mill-*front cap* izda huwa ma hallihomx ; fil-fatt ma nfetahx.

Kompla jsostni li huwa kompla bix-xoghol l-iehor assenjat lilu u fuq dan ic-*chiller* ma sarx aktar xoghol.

It-tielet kompressur baqa` jahdem.

Fil-**kontroezami** xehed illi huwa kien hadem fuq *chiller* bhal dak in ezami u anke wahhal *capacitors* bl-istesss mod fuq mudelli bhac-*chiller* in kwistjoni.

Spjega li l-*capacitors* wahhalhom *at load.* Huwa wahhal *capacitors* fuq kumpressur IT-TOLY xi disa` xhur qabel.

Ighid illi ghalkemm hadem fuq muturi ohra simili, ma kienx jaf fejn hija l-pompa. Huwa staqsa ghaliex it-*technician* tal-Corinthia kien qal li dak li gara sehh peress li l-pompa ma tellghetx zejt.

Spjega li ghalkemm kien hemm impjegati tal-konvenuta li hadmu fuq dan ix-xoghol, huwa kien il-persuna teknika.

Qal illi vverifika li x-xoghol li l-impjegati kellhom l-inkariku li jaghmlu fil-fatt kien twettaq.

Kompla jghid illi ma kien hemm l-ebda raguni partikolari ghaliex wara li kien ezegwit ix-xoghol, huwa telaq u ma kienx prezenti ghal *start up.*

Stqarr illi s-socjeta` konvenuta kienet sewwiet l-*automatic p.f. correction unit* gia` ezistenti fil-Corinthia.

Fil-kaz tal-kumpressur, id-*design* tieghu kien ikopri l-valur minimu biex tintlahaq *p.f.* ta` 0.8g minghajr ma jkun hemm *switching* ta` *capacitors.*

Huwa ma kkonsultax mal-*manual* tac-*chillers* jew mar-rapprezentanti tac-*chiller.*

Kemm ivverifika kemm kien jiehu kurrent il-mutur li kien *direct on line start.*

Spjega li l-mutur huwa *delta* xhin jidhol il-*contractor.*

Kompla fisser illi meta kien ghadu jistudja, dejjem tghallem li aktar ma` l-*capacitor* jkun qrib il-*load* aktar jaghmel xoghol ahjar.

Meta ghamel verifika tal-*load* tac-*chiller,* huwa qies il-kompressur biss, u cioe` fejn hemm l-akbar *load.*

Spjega li huwa ma rax il-htiega li jikalibra l-*control unit* tac-*chiller* wara li zied il-*capacitors*. Huwa qatt ma ghamel dan.

Ikkonferma li billi zied il-*capacitors*, huwa biddel id-*design.*
Kompla jghid li bil-*contractor* miftuh, il-*configuration* tal-*winding* inbidlet u bil-*contractor* imdahhal, huwa qal illi ma nbidilx.

Spjega li hemm sitt *wires* hergin mill-mutur.

Spjega li bil-metodu kif wahhal il-*capacitor*, huwa holoq *closed circuit* meta l-*main switch* kien *on.*

Qal illi ma jiftakarx jekk il-kumpressur tat-TOLY huwiex l-istess tip ta` *winding* bhal dak tal-Corinthia San Gorg.

Ipprezenta rapport immarkat Dok LB2 li juri l-metodu li uza biex wasal ghar-rizultat dwar il-*capacitors* li kellu juza.

**<u>L-Ing. Andre Cauchi</u>** pprezenta CD li ghamel flimkien mal-konvenuta li juri l-*electrical wiring diagrams before and after installation of capacitors; operation and maintenance manual including section related to power factor correction;* u *wire insulation tests carried out on wiring after the incident.*

Ighid illi fid-CD hemm inkluza l-korrispondenza nkluzi *readings of P.F* qabel saret l-installazzjoni tal-*capacitors* mill-ECO Group, il-korrispondenza bejn l-ECO Group u Corinthia, il-korrispondenza ben TITAN u Corinthia, il-*quotation* mill-ECO Group ghall-klijent, *specifications* tal-*capacitors* li twahhlu mill-ECO Group, kopja ta` ittra tas-17 ta` Ottubru 2005 mibghuta mill-ECO Group, korrispondenza mal-manifattur tac-*chiller* dwar il-*P.F. Correction,* u *internal report* ta` David Baguely dwar l-incident.

**<u>David Baguely</u>** - *chief engineer* ta` Corinthia San Gorg – xehed illi mill-*head office,* intbaghat kuntrattur biex jaghmel stallazzjoni ta` *power factor correction.* Tnejn mill-impjegati tas-socjeta` konvenuta flimkien ma` Konrad Cassar kienu marru biex iwahhluhom u rrakkomandaw illi l-*capacitors* jitwahhlu mac-*chillers.* U hekk sar. Meta nxteghlu c-*chillers,* Konrad Cassar innota li l-procedura ta` l-*start up* kienet inqabzet u c-*chiller* intefa` mill-*main switch.* Huwa kien infurmat b`li kien gara u ta struzzjonijiet biex titnehha l-istallazzjoni tal-*capacitors.* Ic-*chiller* tqabbad u hadem tajjeb. Dakinhar stess ghal habta tad-9.00 pm, huwa kellu rapport li c-*chiller* kien waqaf jopera. L-agent TITAN kien mitlub jiccertifika l-hsara, u rrizulta li l-*windings* tal-kompressur kienu nharqu. Ma kienx possibbli li c-*chiller* jigi operat.

Mistoqsi jekk ic-*chiller* kienx mixghul aktar minn darba, wiegeb skont ir-rapport li sar, ic-*chiller* rega` ppruvawh qabel ma nqalghu l-*capacitors.*

Muri r-rapport, ikkonferma li l-hsara giet rappurtata jumejn wara u ghalhekk ic-*chiller* kien qed jahdem kontinwament ghal 53 siegha.

Ikkonferma li TITAN irrappurtaw li l-*windings* kienu nharqu. Il-*capacitors* gew istallati fuq tlett kompressuri u nxteghlu t-tlieta f`daqqa. Ic-

*chillers* inxteghlu ghal ftit sekondi (1-2 sekondi) u ntfghew mill-*main switch* ta` barra.

Qal illi ma jafx jekk l-*isolators* tac-*circuits* individwali kinux *off/on.*

Mistoqsi jekk ic-*chiller* qattx kellu *pressure problems,* spjega li c-*chiller* ghandu *safety features* biex jaqta` awtomatikament, anki jekk ma jkunx hemm zejt.

Mistoqsi dwar il-*log book* tac-*chiller,* fisser illi dan kien jinzamm.

Ikkonferma li ma kinitx issir manutenzjoni tac-*chiller in house* izda meta kien hemm bzonn kienu jigu tat-TITAN.

Spjega li kienu jittiehdu r-*readings* u l-livell taz-zejt kien jigi osservat.

Xehed illi kull meta kien hemm xi haga irregolari, huma dejjem talbu l-assistenza ta` TITAN u qatt ma ppruvaw jirrimedjaw huma ghall-hsara.

Kompla jghid li b`li gara zewg kmpressuri inharqu mentri l-kompressur l-iehor baqa` tajjeb.

Stqarr illi fl-ezekuzzjoni tax-xoghol li ghamlet is-socjeta` konvenuta, kien rakkomandat illi l-*capacitors* jitwahhlu fil-*control panel* tac-*chiller.* Huwa qal lill-impjegati tas-socjeta` konvenuta li ma kienx qed jaqbel ma` dik il-procedura izda huwa kien accertat mis-socjeta` konvenuta illi dik ma kinitx l-ewwel darba li twahhlu b`dak il-mod.

Mistoqsi kif inxteghel ic-*chiller*, huwa spjega li l-*main switch* iddawwar fil-*position ON* u *c-chillers* nxteghlu mal-ewwel minghajr ma kien hemm bzonn li jinxteghlu mill-*control panel.*

Spjega li nstema` hoss qawwi tal-kumpressuri u intefa` kollox fil-pront. Il-kompressur ma giex maqlugh mekanikament izda sar *electronic testing* fuqu.

Sostna li s-socjeta` konvenuta kienet kontattata biex taghmel *power factor correction* fuq l-istallazzjoni generali biex jintlahaq 0.99 *p.f. correction.*

Spjega li kienet is-socjeta` konvenuta li rrakkomandat li jigu nstallati *capacitors* fuq ic-*chillers* peress li dan kien *load* kbir.

**<u>Konrad Cassar</u>** xehed li huwa kien jahdem mal-Corinthia San Gorg sa Novembru 2006 bhala *maintenance manager,* u *assistant maintenance manager* meta sehh l-incident.

Jixhed illi Awissu 2005 inqala` incident fuq zewg kompressuri li jaghmlu nofs il-kapacita` tac-*chiller* li wara l-incident baqa` jahdem.

Spjega li zewg *technicians* tas-socjeta` konvenuta gew biex jaghmlu installazzjoni tal-*power factor correction.*

Spjega li dawn ittiehdu fil-*plant room* fejn sar ix-xoghol. Innota li kienu ser iwahhlu l-*capacitors* gol-*panel* tac-*chiller.* Huwa oggezzjona li jsir hekk peress li kienu ser ikunu vicin il-*control board.* Waqqafhom u mar jirrapporta lis-superjur tieghu. It-*technicians* ghamlu kuntatt ma` Louis Borg tas-socjeta` konvenuta. Insistew illi jwahhlu l-*capacitors* fil-post li qalu huma peress li kienu wahhlu *capacitors* bhal dawk bl-istess mod.

Xehed li s-suggeriment tieghu kien li l-*capacitors* jitwahhlu *at supply* go kaxxa ohra. Ghakemm kemm hu u kif ukoll David Baguely oggezzjonaw ghal mod fejn riedu jezegwixxu x-xoghol, kienu assigurati illi ma jkun hemm l-ebda problema. Fil-fatt ix-xoghol sar kif qalet is-socjeta` konvenuta.

Spjega li sa dakinhar u sa zmien qabel, is-socjeta` konvenuta kienet wahlet *f.p. cap* biss ma` l-*incoming mains.* Dawn jaghmlu parti minn *control* tal-*p.f. correction* awtomatika. Kif lestew ix-xoghol, issejhu biex jixghelu c-*chiller.* Il-*mains* tac-*chiller* inxtghelu bl-approvazzjoni tas-socjeta` konvenuta. Xeghel id-*display* fuq il-*control panel* li kien qed juri l-*istatus* tac-*chiller* bhala OFF. Ghafas l-*start button* u immedjatament xeghel il-kumpressur li ghamel hoss mhux tas-soltu. Dan normalment jixghel wara xi tlett minuti. Tefa` mill-*main isolator* tac-*chiller.*

Kompla jghid li l-*isolators* tac-*circuits* separati tal-kompressuri kienu t-tnejn Off meta huwa xeghel il-*main isolator*, izda wiehed minnhom bil-fors kien ON la c-*chiller* xeghel.

Huwa rrapporta b`li gara lil David Baguely. Marru fuq il-post flimkien mat-*technicians* tas-socjeta` konvenuta. Imbaghad regghu qabbdu. Rega` xeghlu l-*main switch*, gie *display*, ghafas *start* u rega` ghamel l-istess hoss.

Rega` tefa` malli sema` l-hoss.

Hemm Baguely ordna li l-*capacitors* jinqalghu minn fejn twahhlu. U hekk sar.

Spjega li rega` nxteghel minghajr *capacitors* u beda jahdem tajjeb *at full load.*

Qal illi jumejn wara kien *duty manager* filghaxija u t-*technician* infurmah li kien hemm *Alarm On – open circuit.* L-ghada fethu l-*control panel* u sabu minn tlieta sa sitt f*uses* imtajjra taz-zewg kumpressuri li jahdmu flimkien.

Qal li l-*fuses* inbidlu izda malli regghu xeghlu, il-*fuses* regghu taru mill-ewwel.

Kien ghalhekk li sar kuntatt ma` TITAN li baghtu lil Robert Refalo. Il-manutenzjoni tac-*chiller* kien isir minn TITAN darba kull sena. Huma ma kinux jaghmlu manutenzjoni hlief li jzommu l-apparat nadif. Ic-*chiller* kien jahdem b`mod awtomatiku u kien jieqaf jekk il-kundizzjonijiet mehtiega biex jahdem ma kinux sodisfatti. Huwa kkonferma li l-kompressur l-iehor kien ghadu jahdem.

**Ing. Saviour Abela** – General Manager ta` TITAN – agenti tad-ditta *Carrier* – xehed illi c-*chiller* in kwistjoni kien supplit mid-ditta taghhom.

Spjega li l-incident gara aktar minn sentejn wara li kien ingieb dak ic-*chiller*. Kellmu David Baguely, l-inginier tal-Corinthia, peress li c-*chiller* ma

kienx qed jahdem. Spjega li meta marru t-*technicians*, sabu li kien qed jittripja l-*mains* u kien qed jigbed hafna kurrent l-aktar fejn kien hemm il-kompressuri jahdmu *tandem.*

Corinthia hadet decizjoni li taghmel *chiller* gdid peress li jekk isir gdid, ikun hemm garanzija.

Kompla jghid li d-differenza bejn tlett kumpressuri u c-*chiller* gdid kienet ta` madwar 10% aktar. Huma kienu hadmu fuq ic-*chiller* il-gdid u ma sarx aktar xoghol fuq il-qadim.

Stqarr illi s-somma li ntefqet fuq ic-*chiller* gdid kienet anqas mill-prezz tat-tlett kumpressuri godda bl-installazzjoni b`kollox.

Mistoqsi kienx jaf ghalfejn sehh il-*fault,* huwa qal li Baguely kien qallu li gew installati *capacitors* fuq ic-*chiller,* u meta nxteghel, ic-*chiller* ma ghamilx *start up procedure*, izda xeghel mill-ewwel.

Kompla jghid li TITAN istallaw numru kbir ta` *chillers* u qatt ma rrizulta *fault* bhal dak.

Spjega li Carrier ma kienx qed isemmi xejn dwar *p.f correction* ghac-*chiller.*

Huwa qatt ma ra d-dokument intitolat *pf c on carrier global chillers.*

Qal li s-socjeta` konvenuta ma kkonsultatx ma` TITAN qabel twahhlu l-*capacitors.*

Sahaq li l-*start up procedure* huwa importanti hafna.

Qal illi huwa importanti li tistartja l-pompa u tilhaq il-pressjoni.

Il-kompressuri kienu qed jiehdu kurrent aktar milli kien qed jigbed qabel.

Spjega li ma kienx hemm kuntratt ta` manutenzjoni bejn TITAN u l-Corinthia.

Xehed li kieku kien hemm *failure* ta` *oil pressure* u t-*temperature* ma kienx jixghel ic-*chiller* .

**Ing. Robert Refalo** – service manager ta` TITAN – xehed_l-Corinthia kellhom hsara fic-*chiller* fil-25 ta` Awissu 2005. Il-*head technician* Donald Mangion mar jispezzjona l-hsara. Sab illi l-160 *amp fuses* kienu mtajjrin. Rega` mar xi jumejn wara u ccekkja l-*windings.* Sab li r-*resistance to earth* kienet baxxa hafna. Sar rapport bil-miktub lil Corinthia (Dok SA1). Dak li hemm fir-rapport huwa dak li vverifika hu stess. Wasal ghal li hemm fir-rapport fuq informazzjoni ta` l-Corinthia. Il-konkluzjonijiet tieghu jinsabu fir-rapport.

Dwar l-*start up procedure*, xehed illi l-*microprocessor* jiccekkja awtomatikament l-*status* tac-*chiller.* Dan jixghel il-pompa ghal madwar tletin sekonda, jerga` jiccekja u jekk jilhaq il-*pressure,* jinxteghel il-kumpressur.

Spjega li jekk dan il-*pressure* ma jintlahaqx, jixghel l-*alarm* u c-*chiller* ma jahdimx.

Kompla jghid li fil-*manual* tas-supplier ma hemmx referenza ghal *pf correction* goc-*chiller.*

Huwa ma kienx edott b`sitwazzjoni fejn wiehed jintroduci *capacitors* goc-*circuit* tac-*chillers.*

Ic-*chiller* ghamel jumejn jahdem qabel saret il-hsara.

Spjega li meta ikkomunika mas-suppliers kien infurmat illi l-*capacitors* ma kellhomx jitwahhlu goc-*chiller.*

Qal illi l-*wiring* tal-kompressuri tat-TOLY huma differenti minn dawk tal-Corinthia. Ta` TOLY huma *star delta* mentri tal-Corinthia huma *direct online.*

Kompla jghidli c-*chiller* qatt ma kien ser jixghel qabel ma tixghel il-pompa u dan jirrizulta biss jekk ikun hemm *wiring* hazin.

Huwa spjega li hsara ssir zgur jekk l-ingenji jithaddmu minghajr zejt.

Qal ukoll li meta jkun *low pressure failure*, il-kompressur ma jixghelx. Il-kumpressur jista` jahdem b`*loads* differenti u ghalhekk jigbed kurrenti differenti li jirriflettu l-*monitoring.*

**<u>Donald Mangion</u>** – servicing officer ta` TITAN – xehed illi huwa kien inkarikat sabiex imur jara problema li kienet inqalghet fil-*water chiller* tal-Corinthia San Gorg. Mar fil-*plant room* mal-impjegati tal-Corinthia u beda jistharreg ic-c*hiller* . Osserva l-*alarms* u fetah il-*panel.* Sab li kien hemm xi *fuses* imtajrin minhabba li kien hemm *short circuit* jew *over current.* Ivverifika l-*fuses* u sab hafna minnhom imtajjrin.

Huwa mar fuq il-kumpressur biex jara kienx tajjeb. Sab *fuses* imtajjrin fuq zewg kumpressuri.

Kompla jghid li huwa ghamel *sketch* tal-*fuses* mat-*terminal.*

Spjega li fetah *it-terminal block* u l-*block* tal-mutur u ccekkja b`*multimeter.*

Sab li kien hemm zewg kumpressuri b`rezistenza baxxa *to earth.*

Ikkonferma dan b`*meter* iehor u l-ghada b`*insulation tester.*

Spjega li z-zewg *circuits A* u *B* jahdmu b`mod indipendenti. Dawn ghandhom *isolators* ghal kull *circuit* u wiehed ghal kollox.

Huwa irrapporta lis-*supervisor* u dan tah struzzjonijiet biex ikellem lil *manager* tal-Corinthia.

Zied jghid li meta fetah il-*panel* kien hemm *capacitors* marbutin imma mhux *wired.* Dawn ma kinux jiffurmaw parti mic-*chiller.* Huwa kien infurmat li dawn kienu gew installati bhala *pf connection* mac-*chiller* minn kuntrattur. Spjega li l-*brand* kienet Energy Lux.

Qal li l-*start up* tal-kumpressur, li huwa *screw compressor*, huwa kritiku.

Spjega li dan ghandu pompa taz-zejt li tahdem qabel ma jibda jdur. Ghalhekk jekk ma jahdimx hekk, il-kumpressur jispicca.

Spjega li dan jaghmel *start up sequence* u imbaghad jitlaq. Il-kumpressur jaqbad *direct online.* Jekk jitwahhlu *capacitors* qabel il-*contactor,* il-kumpressur jaqbad minghajr ma` jaghmel il-procedura li suppost. Huwa ghandu bzonn iz-zejt biex jaqbad sew. Il-kumpressur jibda jopera b`*load* baxxa, madwar 20%. Imbaghad idum xi ghaxar minuti biex jigi *on full load.* Il-kumpressur jigi mkessah bir-*refrigirant* li jekk ma jkunx qed ikessah il-*winding at start up,* jikkaguna *overheating.*

**L-Ing. Arthur Tua** xehed illi wara li gara l-incident kellmu Louis Borg sabiex jaghtih il-fehma tieghu ghal li kien gara. Borg tah dettalji dwar kif gew stallati l-capacitators u b`liema mod kienet iffurmata s-sistema. Kien muri d-dokument LB1. Ighid illi huwa ma rax l-apparat.

## III. Ir-relazzjoni tal-periti teknici Ing. Michael Attard u l-Ing Dominic Saywell

Fir-relazzjoni, il-periti teknici jghidu illi l-iskop ta` l-analizi taghhom kien illi jigi stabbilit jekk l-intervent tas-socjeta` konvenuta kostitwit fl-istallazzjoni ta` *capacitors* fuq apparat maghmul minn *chilled water units* kienx inkella le l-kawza li wassal ghall-hruq ta` zewg kumpressuri.

### 1. Proceduri

Il-periti teknici ifissru l-proceduri li mxew maghhom.

Ighidu hekk :-

***Proceduri :***

*(A)*

*Giet ezaminata x-xhieda li nghatat minn diversi persuni li kienu nvoluti fl-operazzjoni u l-manteniment tac-chilled water units kif ukoll fix-xhieda li taw fuq il-hsara li saret fuq dawn ic-chilled water units.*

1) *Ic-chillers kienu ilu jahdmu ghal sentejn qabel ma gara l-incident. (reference 1)*
2) *Ma nstabux records tal-manteniment li setghu juru jekk kienx qed isir manteniment regolari fuq l-apparat. Ma kienx hemm kuntratt ta` manteniment mal-bejjiegh ta` dan l-apparat (TITAN). Rikjesta ghal manteniment lit-TITAN kien qed isir ad hoc. (reference 2).*
3) *L-apparat jikkonsisti f`zewg kumpressuri li setghu jahdmu separatament jew flimkien fuq l-istess cirkuwitu ta` gass. It-tielet kumpressur kien jahdem fuq cirkuwitu separate. (reference 3).*
4) *Eco Group ma pprezentax id-disinn tal-installazzjoni tal-power factor lill-klijent qabel ma gew installati l-capacitors. Eco Group gew mitluba biex jipprezentaw dawn il-kalkoli. (reference LB/2-18A, 18B).*

*(B) Ezami ta` l-apparat*

*Saru tlett accessi biex nezaminaw dak li kienu qed jghidu x-xhieda :*

1) *Kif kienu twahhlu il-power factor correction capacitors;*
2) *Il-mod kif graw l-affarijiet minn meta gew imwahhla l-capacitors u meta grat il-hsara;*
3) *Il-kumpressuri li gralhom il-hsara gew zarmati minn fuq il-post u mehudha biex jigu ezaminati mill-esperti tal-qorti.*

<u>*Referenzi*</u>

*Referenza 1: Seduta mizmuma 1 ta` Settembru 2008. Xhieda moghtija minn Ing. Saviour Abela (TITAN)*

*Referenza 2: Seduta mizmuma 25 ta` Settembru – Xhieda moghtija minn Chief Inginier David Baguely*

*Referenza 3 : Manual 13173.pdf on Cd*

*Referenza 4: LB/2/18A/18B – Design Calculation submitted by Eco-Group."*

**2. Osservazzjonijiet**

Abbazi tal-provi akkwiziti, il-periti teknici ghamlu dawn l-osservazzjonijiet :-

1. *Il-capacitors gew installati u l-kumpressuri gew mixghulha ON ghal bejn 2 -3 sekondi.*
2. *F`dan il-perijodu, iz-zewg kumpressuri kienu mixghulha, ON, it-tnejn flimkien.*
3. *Iz-zewg kumpressuri xeghlu ON, f`daqqa wahda, minghajr ma` l-contoller elettroniku ta` l-apparat esegwa l-program ta` rutina qabel jixghel.*
4. *Kien hemm hoss mhux tas-soltu f`dan il-perijodu ta` 2-3 sekondi li gieghel l-operatur tal-apparat jitfi l-apparat mill-main switch tieghu. Din il-procedura giet ripetuta bil-capacitors imwahhlin, u rega` instema il-hoss ghal 2-3 sekondi. L-apparat gie mitfi u l-capacitors gew maqlughin minn fejn twahhlu.*
5. *L-apparat gie mixghul bhas-soltu u hadem ghal 53 siegha bla waqfien qabel ma giet irrapurata l-hsara.*

*Il-manual tal-apparat gie ezaminat u fuq dan qed jigu maghmula dawn l-osservazzjonijiet:*

1. *L-apparat huwa ddisinjat biex jesegwi procedura ta` start up awtomatiku fejn jigu imkejla diversi parametric biex jassiguraw li start up issir b`mod sigur.*

2. *L-apparat huwa kkontrollat minn Programmable Logic Controller li jipprovdi protezzjoni kontra hsara li tinkludi :*

*(a) Hsara li tirrizulta min-nuqqas ta` pressjoni taz-zejt*
*(b) Pressjoni gholja fis-sistema tal-gass*
*(c) Temperatura gholja fil-windings tal-parti elettrika tal-kumpressur.*

*Referenza : 99SC200HX54611EE pages 7-16 Carrier 22/04/2002."*

## 3. Kostatazzjonijiet

Il-periti teknici jaghmlu dawn il-kostatazzjonijiet :-

*Iz-zewg kumpressuri gew imnehhija minn fuq l-armar u gew mehuda go workshop biex jigu ezaminati fid-dettal. Iz-zewg kumpressuri gew zarmati sabiex jigu ezaminati minn gewwa.*

*Fl-investigazzjoni instab dan li gej:*

1. *Iz-zewg kumpressuri kellhom il-windings tal-muturi mahruqa – Photo number 01.*
2. *Il-compressor screws instabu li kellhom hsara mekkanika u kienu seized. Kien hemm hafna frak tal-metal gol-housing tal-kumpressuri. – Photo 2*
3. *Iz-zewg kumpressuri kienu nixfin u minghajr zejt, bhallikieku mahsulin ghal kollox miz-zejt. Kien hemm xi ftit zejt mahruq fil-qiegh. – Photo 3*
4. *Il-pompa taz-zejt instabet li kienet tahdem. Il-pompa taz-zejt kienet titfa` z-zejt fiz-zewg kumpressuri f`daqqa.*
5. *Il-bronzini tal-muturi gew ezaminati u nstabu li kienu tajbin.*
6. *Il-programm fil-Logic Controller kien ezaminat (referenza Annex 1) ghal meta kien hemm alarm ta` hsara.*
7. *Il-hsara elenkata mill-alarm giet investigata mal-manual ta` l-apparat (referenza Annex 2 pagni 33-35)*
8. *Il-hoss li gie rrapurtat fix-xhieda, li dam ghal madwar 2-3 sekondi, huwa attribwit ghall-kurrent baxx, ta` madwar 40 Amp, li kien ghaddej mill-windings tal-muturi f`dak il-waqt. Dan ma kienx sufficjenti biex idawwar il-muturi u ghalhekk ikkawza dan il-hoss u vibrazzjonijiet."*

## 4. Konkluzjonijiet

Il-perit teknici jaslu ghal dawn il-konkluzjonijiet :-

*"Il-capacitors ma jmisshomx gew imwahhla f`dan il-post gol-apparat ghaliex jirrizulta f`tibdil tad-disinn ta` l-apparat.*

*Bil-capacitors installati kif gie spjegat mix-xhieda, il-kumpressuri ma setghux jahdmu bil-velocita` normali taghhom ghaliex il-capacitors kienu qed jillimitaw il-kurrent elettriku. Ir-rizultat ta` dan kien il-hoss li nstema` kif spjegaw ix-xhieda.*

*Iz-zewg kumpressuri nstabu li kellhom hsara mekkanika barra li kelhom ukoll il-windings tal-muturi mahruqin.*

*Ma hemmx dubju li kienet il-hsara mekkanika li wasslet ghal hsara elettrika u l-hruq tal-windings u mhux il-kontra.*

*Il-hsara mekkanika giet ikkawzata minn nuqqas ta` zejt ghal hin twil li ma setghax kien fil-hin ta` 2-3 sekondi skont kif gie rrapurtat mix-xhieda.*

*Il-hsara mekkanika fl-iscrew compressors gie kkawzat minn frak ta` metal li dahlu fix-xquq dojoq ta` l-screw elements. Dan il-frak tal-metall serva biex holoq brix fl-ucuh illustrati ta` l-screw, li gieghel aktar bicciet biex jinqalghu mill-metal u jzidu l-hsara. B`hekk l-screws iggamjaw flimkien u dan ikkawza l-hruq fil-windings tal-parti elettrika tal-kompressuri.*

*Meta l-kumpressuri gew miftuhin ma nstabx zejt fuq l-ebda parti taghhom.*

*Il-parti li tipprotegi l-windings meta dawn jishnu ma hadmitx.*

*Meta c-chillers gew mixghula wara li tnehhew il-capacitors, ic-chiller hadem ghal perijodu ta` 53 siegha, li jindika li ma kienx hemm hsara elettrika jew elettronika li setghet giet ikkawzata bl-installazzjoni temporanja tal-capacitors fuq ic-chillers."*

Ighidu wkoll illi :-

*1. Ghalkemm ECO-Group installaw il-capacitors f`post li mhux irrakomandat mill-manufattur tal-apparat, ghax dan biddel id-disinn ta` l-apparat, u billi l-apparat hadem f`dan il-mod ghal 2-3 sekondi b`kurrent baxx ta` 40A, dan ma setax ikkaguna hsara jew hsarat mekkanici jew elettrici jew elettronici lill-apparat.*

*2. Il-hsara mekkanika li nstabet fil-kumpressuri turi li l-kawza hija mekkanika u mhux elettrika.*

*3. Hsara elettrika kienet tirrizulta minn deterjorazzjoni ta` l-insulation tal-windings u b`hekk kien jinharaq il-parti elettrika tal-mutur biss minghajr ma jkun hemm hsara mekkanika.*

*4. In-nuqqas ta` zejt fis-sistema, kif instab bil-partijiet kollha ta` gewwa niexfa miz-zejt, kienet il-kawza ewlenija ta` din il-hsara li kkawzat il-hsara taz-zewg kumpressuri.*

## IV. Ir-relazzjoni tal-periti teknici addizzjonali Ing. Carmel Cuschieri, Ing. Paul Cardona u Ing. Emanuel Scerri

Il-periti addizzjonali hadu l-linja illi ma jzommux aktar seduti peritali izda qablu li tinkiseb kopja tat-*technical manual* tac-*chiller* ossija tal-makkinarju/apparat mertu ta` din il-kawza. Fil-fatt irnexxielhom jiksbu kopja ta` l-*manual* li kellu informazzjoni importanti li setghet titfa` dawl fuq dak li fil-fatt gara.

### 1. Il-provi

Il-periti addizzjonali jaghmlu riassunt tal-provi.

Ighidu :-

*Mill-analizi tad-dokumenti jirrizulta li l-fatti tal-kaz huma illi s-socjeta` konvenuta cioe` ECO Group kienet tqabbdet mill-head office tal-Corinthia Group biex taghmel stallazzjoni tal-Power factor correction equipment fuq diversi sistemi gol-lukanda Corinthia San Gorg. Zewg impjegati tas-socjeta` konvenuta flimkien ma` Ing Conrad Cassar impjegat mill-Corinthia San George Marru biex iwahhlu dan l-apparat li kienu irrikomandaw li jitqabbad mac-chiller . Dan l-apparat kien jikkonsisti f`capacitors li s-socjeta` konventua riedu li jitwahhlu mal-chillers, fejn fil-fatt wahluhom.*

*Eventwalment gew biex jistartjaw ic-chillers. Conrad Cassar innota li waqt dan l-istart up is-sekwenza tal-procedura li ssoltu jigri meta jistartja c-chiller f`din id-darba ma kienx gara. Fil-fatt malli gie mixghul il-main switch tac-chiller , il-kompressuri kienu bdew jahdmu mill-ewwel meta dan noramlment ma jigrix. Huwa kien tefa f`hin qasir il-main switch. Jidher li c-chiller gie*

*mhaddem ghat-tieni darba u ghamel l-istess u mbaghad twaqqaf. Conrad Cassar informa lil David Baguely, chief engineer tal-lukanda x`kien gara u dan ta struzzjonijiet biex terga` tinqala` l-istallazzjoni li kienu ghamlu l-Eco Group, cioe` dik tal-power factor capacitors.*

*Wara li gara hekk, ic-chiller kien rega` gie mhaddem u dan haddem bil-procedura normali u cioe` bis-sekwenza ta` kif kien jahdem normali. Jumejn wara ghal habta ta` xi 9.00 pm ic-chiller kien waqaf jahdem.*

*Gew imsejhin l-agenti tac-chillers, cioe` Titan International biex jaraw il-ghaliex ic-chiller kien waqaf u jiccertifikaw x`kienet il-hsara li kellu c-chiller. Titan irraportaw li l-hsara kienet li l-wirings tal-kompressuri kienu nharqu u li ma kienx possibbli l-chiller jerga` jigi operat.*

*Meta kienet saret ir-rapport li c-chiller waqaf kien ilu cirka 53 siegha mixghul wara li nqalghu minnu l-capacitors u wara li kienu pruvati bil-capacitors u li l-procedura tal-start up kienet giet osservata li giet maqbuza. Fix-xhieda ta` David Baguely ma hijiex koerenti ezatt kemm thaddem bejn li nqalghu l-capacitors u li saret il-hsara.*

*Ic-chiller ghandu tlett kompressuri go fih fuq zewg circuits tar-refrigeration u l-capacitors kienu twahhlu fuq it-tlett kompressuri mis-socjeta` konvenuta. Izda meta kien gie ittestjat, ic-chiller , zewg kompressuri biss kienu lahqu hadmu.*

*Ic-chiller dejjem kien jigi maintained mis-socjeta` li kienet provditu, cioe` Titan International. Wahda mill-manutenzjoni li kienu jaghmlu Titan kienet li jiccekjaw il-livell taz-zejt tal-lubrication. Mill-analizi tal-hsara li kienu ghamlu Titan, il-hsara kienet li kienu nharqu zewg kompressuri izda t-tielet wiehed kien ghadu tajjeb. Din hija spjegabbli u dan kif ser jigi spjegat fl-analizi tal-kaz iktar `l isfel f`dan ir-rapport.*

*Meta kienet saret ir-rakkomandazzjoni fejn kellhom jehlu l-capacitors, l-inginier Baguely qal li huma ma kienux qablu fejn kellhom jehlu l-capacitors, izda kienu gew accertati mis-socjeta` konvenuta li din il-procedura fejn kellhom jehlu l-capacitors kienet procedura li huma kienu uzaw fuq chillers ohra. David Baguely qal li meta kienu gew imhaddma ic-chillers, wara li kienu twahhluhom l-capacitors, meta kienu statjaw il-kompressuri mill-*

*ewwel, instema` hoss kbir gej min-naha tal-kompressuri qabel ma gew mitfija.*

*Conrad Cassar jikkonferma fix-xhieda tieghu li l-capacitors kienu twahhlu gol-control panel tal-chiller u li huwa kien oggezzjona peress li dawn kienu vicin tal-control board. L-impjegati tas-socjeta` konvenuta wara li kienu kkonsultaw mad-direttur taghhom Louis Borg, insistew li jwahhlu l-capacitors fejn kienu ssuggerew huma ghax qalu li kienu ghamlu hekk diversi drabi ohra. Fil-fatt, il-capacitors twahhlu fejn kienu ddecidew l-impjegati tas-socjeta` konvenuta. Conrad Cassar jispjega li normalment, wara li jkun inxteghel l-main switch, il-kompressuri jiehdu circa 3 minuti biex jistartjaw, izda dakinhar, wara li kienu twahhlu l-capacitors malli inghafset l-start button, il-kompressuri startjaw mill-ewwel. Il-kompressuri lahqu hadmu ftit sekondi qabel ma ntefa` l-main switch u wara li kien instema` l-hoss stramb minn gol-kompressuri.*

*Conrad Cassar jikkonferma li c-chiller gie startjat darbtejn, it-tieni darba fil-prezenza ta` David Bagluey u l-impjegati tas-socjeta` konvenuta, u anke t-tieni darba l-kompressuri startjaw mill-ewwel u ghamlu hoss stramb.*

*L-inginier Saviour Abela mill-kumpanija Titan International, jixhed li l-kompressuri li nharqu huma ta` tip screw compressors u dan it-tip ta` kompressuri ma jissewwewx u ghalhekk l-uniku soluzzjoni kien li jinbidlu l-kompressuri biex jerga` jithaddem ic-chiller. Peress li ma kienx hemm differenza kbira bejn l-ispejjez biex jinbidlu t-tlett kompressuri u li jinbidel ic-chiller ma` wiehed gdid, David Buckley kien iddecieda li jbiddel ic-chiller ghax hekk kien ikollhu garanzija fuq ic-chiller gdid filwaqt illi jekk jissewwa l-antik ma kienx ikun hemm garanzija.*

*Saviour Abela jikkonferma li l-Eco Group qatt ma kkonsultaw mat-Titan dwar dak li kienu ser iwahhlu fuq l-kompressuri ta` chiller. Huwa wkoll jghid li permezz ta` engineer iehor tat-Titan kienu ccekjaw mal-Carrier l-manifattur tac-chiller , li dawn kienu ikkonfermaw li l-capacitors qatt ma kellhom jitwahhlu goc-chiller.*

*Saret riferenza ghal xi kompressuri ta` chiller iehor li hemm installat gol-kumpanija Toly Products u l-Ing Refalo jghid li chiller tal-Corinthia u chiller ta` Toly Products ma kienux l-istess tip ghax filwaqt li l-kompressuri tal-Corinthia huma direct on line, l-kompressuri tat-Toly Products huma Star Delta Starting.*

*L-Ing Refalo jsostni li huwa mportanti hafna li meta jistartja l-kompressur, il-pressjoni taz-zejt trid tkun gholja ghax jekk il-kompressur jahdem minghajr zejt issirlu hsara f`hin qasir hafna. Fil-fatt fi procedura normali, jekk il-pressjoni taz-zejt ma titlax l-kompressuri ma jistartjawx u c-chiller imur in Alarm State.*

*Fix-xhieda tieghu, Louis Borg, direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta jghid li huwa kien ghamel proposta lis-socjeta` Corinthia forma tar-rapport biex jaghmel power factor correction biex il-Corinthia tkun tista` tapplika mal-Enemalta li tibda tigi iccargjata bil-KVah. Wara li gie accettat ir-rapport beda x-xoghol li kien jinkludi li jigi reparat l-apparat principali li jikkoregi l-power factor, u li huwa nstallat hdejn il-main tal-Enemalta. Dan ma kellu x`jaqsam xejn ma` x-xoghol fuq ic-chiller inkwestjoni izda b`dan ix-xoghol biss il-power factor ma kienx gie fil-livell necessarju u mehtieg. Ghalhekk Louis Borg jghid li huwa kien iddecieda li jaghmel capacitors fuq ic-chiller u skond Borg kien hemm postijiet ohra fejn din is-sistema giet uzata biex wasal ghal valur (kobor) tal-capacitors li kellhom jehlu, Borg uza formula li sab fuq technical literature tal-manifattur tal-capacitors u huwa jispjega kif uza din l-formula. Il-kalkoli li ghamel Borg huma zbaljati u r-rizultati innotati ma kienux korretti.*

*Louis Borg jikkonferma li huwa kien ta l-istruzzjonijiet lill-haddiema tieghu fejn iwahhlu l-capacitors fuq ic-chiller u huwa kien prezenti meta sar ix-xoghol. Meta gie mhaddem ic-chiller ma kienx hemm ghax kien lahaq telaq izda kienu infurmawh x`gara u rega` lura fuq il-post. Sa dan it-tant kienu regghu inqalghu l-capacitors u chiller rega` thaddem u hadem tajjeb.*

*Huwa kien rega` mar l-ghada fuq il-post biex jipprova jara x`kien gara u skond huwa ma seta` jara xejn hazin ghax skond huwa b`capacitor ta` 40A ma tistax iddawwar mutr ta` 200A. Dan ir-ragunament huwa zbaljat skond l-opinjoni tal-periti sottoskritti. Skond huwa li gara kien li l-capacitor ikkagunaw harmonics li haddmu lill-controls meta ma kienx suppost. Huwa jikkonferma li qabel ma twahhlu l-capacitors ma kienx ikkonsulta mal-manual tac-chiller jew kkuntatja l-manifatturi Carrier. Huwa jsostni li peress li kien ghamel stallazzjoni simili fil-fabbrika tal-Toly Products, allura s-sistema li ghamel gol-Corinthia San Gorg kellha tahdem l-istess. "*

**2.** **<u>Kostatazzjonijiet</u>**

Il-periti addizzjonali jaghmlu riferenza ghar-rapport tal-Ing. Andre Cauchi, li kien inkarikat mis-socjetajiet attrici.

Ighidu hekk :-

*Fir-rapport li ghamel l-Ing Andre Cauchi li kien tqabbad mis-socjeta` attrici, huwa jikkonstata illi:*

a) *Ic-chiller kien jahdem normali qabel ma sar l-intervent mis-socjeta` konvenuta.*
b) *Is-socjeta` konvenuta wahhlet capacitors dirett fuq il-kompressuri gol-control panel tac-chiller .*
c) *Huma kienu wahhlu dawn il-capacitors anki wara li t-teknici tal-Corinthia ma qablux maghha.*
d) *Meta nxteghel il-power supply tac-chiller, il-kompressuri hadmu mill-ewwel minghajr ma ghaddew mill-process normali tal-istart up.*
e) *Dan gara kemm l-ewwel darba li nxteghel il-unit u anki fit-tieni darba.*
f) *Il-capacitors gew maqlugha immedjatament wara li gara dan.*
g) *Il-unit rega` gie mhaddem normali.*
h) *Il-hsara giet innotata jumejn wara.*
i) *Mit-tests li ghamel, il-wingdings tal-kompressuri kienu mahruqin.*
j) *Il-capacitors kienu mwahhlin f`forma delta mat-terminals tal-kompressuri direttalment minghajr mod ta` isolation.*
k) *L-installatur tas-socjeta` konvenuta ma fehemx ezatt kif kien wired il-kompressur specjalment li dan kellu supply fuq zewg nahat tal-winding terminals.*
l) *Il-manifattur tac-chiller , Carrier qalu li ma huwiex permess li jitwahhlu capacitors ma` dawn ic-chillers ghax dawn jaffetwaw lill-operazzjoni tac-chiller .*
m) *Il-kurrent li jiehu l-mutur tal-kompressur ma huwiex kostanti ghax dan jizdied kif il-kompressur jigi loaded fi tlett stadji, 40%, 70%, u 100%. Ghalhekk ma kellhomx jitwahhlu capacitors fixed valve.*
n) *Naha wahda tal-kompressuri hija permanentament imqabbda mal-electrical supply u ma tghaddix mill-control, il-hin kollu li l-main huwa ON.*
o) *Jekk il-kompressur jahdem meta mhux suppost, il-controller tac-chiller jinterpreta dan bhala fault ghax hekk il-kompressur ikompli jahdem hekk ma jkollux cooling ghax solenoid valves ikunu switched off u l-kompressur ikisser lilu nnifsu.*

p) *Jekk kellu jsir power factor correction fuq dan ic-chiller, dawn kellhom ikunu joperaw mac-chiller kollhu u jkunu b`tali mod li l-valur tal-capacitance tinbidel skond il-load tac-chiller .*
q) *Capacitance zejda mwahhla mal-kompressur jirrizulta fi hsara lil mutur minhabba over excitation tal-mutur.*
r) *Il-capacitors jaghmlu bypass lil protection circuits tal-kompressur.*
s) *Wara isir deskrizzjoni tal-operazzjoni tac-chiller u kif ghandhom jahdmu d-diversi komponenti.*
t) *Fost dawn hemm il-pre-lubrication sequence li tigi monitored u qabel ma tkun saret sewwa ma jigix started il-kompressur.*
u) *Is-sekwenza kollha hija deskritta f`dan ir-rapport. Importanti hafna l-lubrication (oil pressure) peress li dan it-tip ta` kompressuri ghandhom tolleranzi mekkanici zghar u ma jistghux jahdmu minghajr pressjoni taz-zejt tal-lubrikazzjoni.*
v) *Bejn li jinxteghel is-supply tal-elettriku u jkun jista` jahdem il-kompressur ghandu jkun hemm perijodu ta` mhux inqas minn 2 minuti. F`dan il-kaz ma kienx hemm l-ebda hin.*
w) *Anke importanti li meta jibda jahdem il-kompressur dan ghandu jkun unloaded u ghalhekk meta startja mill-ewwel dan seta` ma kienx il-kaz.*
x) *Il-capacitors imwahhlin mis-socjeta` konvenuta effettivament igibu l-kompressur permanenti fi star connection u ghalhekk dan jahdem mal-ewwel meta jinxtghel is-supply tal-elettriciku.*
y) *Il-hsara lill-kompressur kienet saret meta hadem minghajr lubrication anke jekk ghal perijodu qasir u din il-hsara mhux necessarjament tidher mill-ewwel kif fil-fatt gara f`dan il-kaz.*
z) *Dan ikkaguna li l-kompressur ifalli b`mod mekkaniku u dan kien il-kagun li l-windings tal-mutur inharqu.*

*Huwa jikkonkludi li t-teknici tas-socjeta` konvenuta ma ghamlux l-indagini necessarji qabel ma wahlu l-capacitors ghax kieku kienu jindunaw li ma setghux jinstallaw il-capacitors fejn fil-fatt installawhom. Il-hsara saret b`rizultat dirett tal-istallazzjoni tal-capacitors."*

**3. <u>Dwar ir-relazzjoni tal-ewwel periti</u>**

Il-periti addizzjonali jirreferu ghar-relazzjoni tal-ewwel periti.

Ighidu hekk :-

*Il-periti teknici mqabbda mill-Qorti fl-ewwel kaz, jaghmlu din l-analizi tal-hsara. L-osservazzjonijiet taghhom huma illi:*

a) *Ic-chiller kien ilu jahdem sentejn qabel ma gara dan l-incident;*
b) *Ma hemm l-ebda records ta` maintenance.*
c) *Il-kompressuri setghu jahdmu separatament jew flimkien.*
d) *It-tielet kompressur kien jahdem fuq refrigeration circuit separate.*
e) *Is-socjeta` konvenuta ma pprezentatx disinn kif kien ser jinstalla l-capacitors qabel ma sar ix-xoghol.*
f) *Il-kompressuri gew miftuhin fil-workshops tal-periti teknici biex ikun jista` jsir ezami aktar dettaljat.*
g) *Dwar kif gew installati l-capacitors ma hemmx dubju u jaqblu ma` dak li ntqal aktar `il fuq.*
h) *Jaqblu ukoll li l-kompressuri hadmu f`daqqa u mill-ewwel minghajr ma` l-controller esegwixxa l-program ta` rutina ta` protezzjoni.*
i) *Kien hemm hoss mhux tas-soltu meta gie startjat ic-chiller .*
j) *Il-prova saret darbtejn u l-hoss instema` darbtejn.*
k) *L-apparat hadem 53 siegha wara li nqalghu l-capacitors u qabel ma falla.*
l) *Ic-chiller huwa disinjat biex isegwi procedura biex jistartja korrettament.*
m) *Is-sitemi tal-protezzjoni huma kontra nuqqas ta` pressjoni taz-zejt, pressjoni gholja tal-gas jew temperatura gholja fil-wirings tal-kompressuri.*
n) *Meta nfethu l-kompressuri nstab li:*

- *Il-kompressuri kellhom hsara mekkanika u kienu seized.*
- *Kien hemm frak tal-metal go fihom*
- *Il-kompressuri kienu niexfin miz-zejt.*
- *Il-pompa taz-zejt kienet titfa` zejt fiz-zewg kompressuri f`daqqa.*
- *Il-bearings kienu ghadhom tajbin.*
- *Fil-controller kien ghad hemm alarm ta` meta sar l-incident.*
- *Jikkonkludu li l-hoss li nstema` kien minhabba li l-kurrent li ghadda mill-kompressur kien baxx u li ghalhekk ma setax idawwar il-kompressur.*
- *Il-hsara li saret lil kompressuri ma hijiex kagun tat-twahhil tal-capacitors izda difett ta` l-uzu u kellu jigri hekk."*

## 4. <u>Divergenza</u>

Il-periti addizzjonali jesprimu ruhhom diversament mill-ewwel periti

Ighidu :-

*Is-Sotto skritti ma jaqblux ma` din it-teorija u l-konkluzjoni ghax fl-opinjoni taghhom il-hoss gie mill-fatt li l-kompressuri hadmu minghajr zejt u peress li t-tolleranzi mekkanici huma zghar hafna, il-kompressuri hadmu meta ma` metal u dan ghamel il-hsara. Il-fatt li l-kompressuri kienu nixfien miz-zejt huma rizultat li kien ghadda hafna zmien mindu gara l-incident u li fil-fatt kienu nfethu l-kompressuri biex jigu ezaminati. Ghalhekk iz-zejt kien lahaq nixef.*

*Il-periti originali jaqblu li l-capacitors ma kellhomx jigu mwahhla fil-post goc-chiller u dan irrizulta fil-bdil tad-disinn tac-chiller.*

*Huma jghidu lil –kompressuri ma setghux jahdmu bil-velocita` normali taghhom minhabba l-capacitors.*

*Il-periti perizjuri sottoskritti ma jaqblux ma` dan u fl-opinjoni taghhom, il-capacitors gabu lill-kompressuri jahdmu meta suppost ma hadmux u haddmuhom anke meta kienu minghajr zejt tal-lubrikazzjoni. Kieku thalla l-controller jaghmel xogholu, meta fil-fatt il-controller kien idahhal lil kompressuri, dawn xorta kienu jduru bil-velocita` normali taghhom u l-capacitors ma kienx iktar jaffetwaw. Il-capacitors hawdu lis-Sistema ghax taw lok lil kompressuri li jahdmu meta ma kellhomx jahdmu.*

*Il-periti originiali jikkonfermaw li z-zewg kompressuri kellhom hsara mekanika u l-windings kienu mahruqin. Jghidu wkoll li kienet il-hsara mekanika li harqet il-muturi.*

*Il-periti perizjuri jaqblu li l-hsara mekkanika kkagunat l-hruq tal-wirings tal-muturi, izda jikkonkludu wkoll li l-hsara mekkanika saret biss ghax il-kompressuri hadmu minghajr zejt u dan mhux necessarjament ghal hin twil kif jghidu l-ewwel periti.*

*Fl-opinjoni tal-periti perizjuri dawk il-ftit sekondi, darbtejn wara xulxin kienu bizzejjed biex jaghmlu l-hsara mekkanika ndikata.*

*Il-frak ta` metal gew mill-fatt li l-kompressuri hadmu minghajr zejt u ghalhekk hadmu hadid ma` hadid u dan iggenera l-frak tal-metal gol-kompressuri.*

*Il-periti perizjuri jikkonkludu wkoll li l-winding temperature sensor ma hadmitx ghax il-hsara ma saritx minhabba ragunjiet ta` overloading tas-sistema, izda ghax il-kompressuri gew seized.*

*Il-fatt li l-kompressuri hadmu ghal 3 sighat ma jfissirx li ma kellhomx hsara, izda li l-hsara bdiet tikber u hadet dan il-hin biex il-hsara kienet kbira bizzejjed li kkagunat il-falliment totali tal-kompressuri.*

*Ghalhekk il-periti perizjuri ma jaqblux mal-konkluzjoni tal-periti inzijali, u jikkonkludu li l-hsara hija kagun dirett tal-fatt li twahhlu l-capacitors f`post hazin u li dawn gaghlu l-kompressuri jahdmu meta ma kienx suppost u meta kienu minghajr zejt.*

*Minn ezami tal-manual tac-chiller in kwistjoni, il-periti perizjuri ikomplu jikkonfermaw dawn il-konkluzjoni taghhom ghax f`pagna 50 tal-istess manual hemm mitkub "do not make any changes to the factory installed compressor power wiring in the control box or at the compressor junction box. Doing so will cause permanent damage to the compressor and will require compressor replacement."*

*Din turi bic-car li l-manifattur informa mill-ewwel li tbaghbis mal-wiring tal-kompressur jirrizulta fi hsara lil kompressur. Fil-fatt, fis-sezzjoni li fiha hemm din it-twissija, hemm sezzjoni shiha fuq is-sistema ta` lubrikazzjoni tal-kompressur u kemm hija importanti li wiehed jara li s-sistema ta` lubrication tkun tahdem tajjeb qabel ma jigi mhaddem il-kompressur. F`dan il-kaz, l-istallazzjoni tal-capacitors hija preciz dak li l-manifattur jwissi biex ma jsirx."*

## 5. <u>Diversita` ta` konkluzjonijiet</u>

Il-periti addizzjonali jaslu ghal konkluzjonijiet diversi minn dawk tal-ewwel periti.

Ighidu hekk :-

*Minn dan li inghad hawn fuq il-perit perizjuri jikkonkludu li :-*

1. *Id-decizjoni li jehlu u fejn jehlu l-capacitors kienet tas-socjeta` konvenuta u tad-direttur taghha Louis Borg.*
2. *Il-Corinthia Hotel kienu nfurmaw li ma kienux jaqblu mal-mod kif kienu ser jehlu l-capacitors u wissew b`dan lis-socjeta` konvenuta.*

3. *Is-socjeta` konvenuta xorta wahlet dawn il-capacitors u dan ghax qalet li kienet ghamlet hekk f`okkazzjonijiet ohra.*
4. *Is-socjeta` konvenuta ma kkonsultatx il-operation manual tac-chiller qabel ma wahhlet il-capacitors.*
5. *Hija lanqas talbet parir tal-importaturi tac-chiller, cioe` Titan International u lanqas tal-manifattur tac-chiller Carrier.*
6. *Jidher li s-socjeta` konvenuta lanqas analizzat ic-circuit kif kienu mqabbdin il-kompressuri minn gol-operation manual.*
7. *Carrier, il-manifattur tac-chiller, fil-manual tac-chiller hemm miktub car li ma ghandux jsir l-ebda intervent fuq il-power wiring tal-kompressuri ghax dan kien jirrizulta fi hsara lil kompressuri.*
8. *Kagun ta` dawn il-capacitors, il-kompressuri hadmu meta mhux suppost u dan ghax qabzu s-sistemi kollha ta` protezzjoni.*
9. *Il-kompressuri ghalhekk hadmu minghajr zejt tal-lubrikazzjoni u ghalhekk ghamlu hoss stramb meta hadmu.*
10. *Il-kompressuri thaddmu darbtejn wara xulxin minghajr zejt ghal hin qasir.*
11. *Minghajr iz-zejt tal-lubrikazzjoni il-kompressur jahdem hadid ma` hadid u jaghmel hsara lilu nnifsu.*
12. *Dan jispjega l-frak tal-hadid li sabu l-ewwel periti meta fethu l-kompressuri.*
13. *Dan ikkaguna li eventwalment il-kompressuri gew seized u harqu l-wirings tal-mutur.*
14. *Ghalhekk il-periti perizjuri ma jaqblux mal-konkluzjoni tal-ewwel periti li l-hsara ma hijiex dovuta ghal twahhil tal-capacitors, anzi jahsbu bil-kontra kif spjegat hawn fuq.*
15. *Dan huwa l-opinjoni wkoll tal-Ing Andre Cauchi li kien tqabbad mis-socjeta` attrici biex janalizza l-hsara fuq il-kompressuri.*
16. *Ghalhekk il-periti perizjuri jikkonkludi li r-responsabilita` tal-hsara fuq il-kompressuri hija tas-socjeta` konvenuta u tad-direttur taghha.*
17. *Il-kalkoli li gew prezentati mis-socjeta` konvenuta fuq l-effett tal-capacitors huwa zbaljat teoretikament.*
18. *Il-manifattur Carrier jiddikjara fil-manual tac-chiller li l-kompressuri ma jistghux jahdmu minghajr lubrikazzjoni ghax issirilhom hsara rreparabbli.*
19. *Il-periti perizjuri huwa tal-opinjoni li s-socjeta` konvenuta ghandha biss tkun responsabbli tal-hsara u mhux tal-cost ta` chiller gdid.*
20. *Il-hsara hija z-zewg kompressuri u l-ispejjez li ghandha tehel is-socjeta` konvenuta hu ta` kemm jiswew iz-zewg kompressuri godda u tax-xoghol u materjali iehor biex dawn jinbdilu fic-chiller .*
21. *Il-kompressuri ta` dan it-tip, cioe` screw compressors ma jissewwewx u bil-fors ikunu jridu jinbidlu.*
22. *Fl-opinjoni tal-periti perizjuri dawn l-ispejjez kellhom ikunu fis-somma ta`*

| | |
|---|---|
| *2 kompressuri godda* | *EUR 48,000.00* |
| *Xoghol u spejjez ohra* | *EUR 5,000.00* |
| *Spejjez tal-Ing. Cauchi* | *EUR 3,135,52* |
| *Total* | *EUR 56,135.52* |

## 6. Eskussjoni tal-periti addizzjonali

Il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta sabiex teskuti lill-periti addizzjonali. Saru domandi bil-miktub u l-periti addizzjonali wiegbu bil-miktub.

Fl-eskussjoni, il-periti addizzjonali rrilevaw illi kien fatt normali illi *chiller* tat-tip mertu ta` din il-kawza ikollu minn zmien ghal zmien *alarms* fis-sistema tieghu. Dawn l-*alarms* jigu minn operazzjonijiet li johorgu barra l-parametri ta` kif ikun is-*setting* tal-*unit* fil-*controller* tieghu. Jekk it-temperatura ta` l-ilma titla` iktar milli konsentit, il-*controller* jinduna u jaghti *alarm*. Il-fatt li ikun hemm *alarms* ifisser li l-controller ikun qed jaqdi l-funzjoni tieghu u cioe` illi jipprotegi c-*chiller* u d-diversi *components* tieghu. Il-problema tigi meta tinbidel is-sistema, kif gara fil-kaz odjern, kagun ta` l-modifikazzjonijiet fis-sistema ta` protezzjoni u li normalment taghti l-*alarm*, u li allura ma tahdimx. Fil-kaz tal-lum il-modifikazzjoni li ghamlet is-socjeta` konvenuta ma hallietx is-sistema ta` protezzjoni tahdem tajjeb.

Kienet responsabilita` tas-socjeta` konvenuta li tistharreg ghal problemi li seta` kien hemm fic-*chiller* qabel tibda tahdem hi. *Alarms* ma jfissrux li kien hemm problemi fic-*chiller* izda li s-sistema tal-protezzjoni kienet qed tahdem tajjeb. Jekk is-socjeta` konvenuta kellha dubji dwar it-taghmir, u jekk kienx hemm problema fuqu, kienet ir-responsabilita` taghha li ma taghmel l-ebda intervent fuq ic-*chiller* qabel issib tarf tal-problema.

Il-periti addizzjonali sostnew illi jekk is-socjeta` konvenuta kellha dubbji fuq ic-*chiller* u li seta` kien hemm *sensors* neqsin, kienet responsabbilita` taghha li ma taghmel l-ebda intervent fuq ic-*chiller*. Ma tistax taghmel alterazzjonijiet minghajr ma taghmel verifika.

Skont il-periti addizzjonali, irrizulta ppruvat illi fiz-zmien ezatt qabel sar l-intervent mis-socjeta` konvenuta ic-*chiller* kien jahdem tajjeb. Il-bazi

tal-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti addizzjonali hija illi hekk kif tqabbdu l-*capacitors* mis-socjeta` konvenuta dawn ikkagunaw lill-kompressuri li jibdew jahdmu meta l-pressjoni taz-zejt ma kenitx ghadha bdiet tiela`. B`hekk inqabzet kull sistema ta` protezzjoni li kellu l-kompressur li ma jibdiex idur qabel mal-pressjoni taz-zejt tkun lahqet il-pressjoni necessarja. B`hekk saret il-hsara fil-kompressuri.

Kien rilevat illi kemm kien qed jigbed kurrent il-mutur u l-*capacitor* ma tohrog minn l-ebda prova. Fl-istess waqt kemm kienu qed jigbdu kurrent il-mutur u l-*capacitor* ma kienx ta` rilevanza. Jekk il-valuri kienu differenti, kif allega Louis Borg, dan xorta ma kienx ibiddel il-konkluzjonijiet taghhom.

Sostnew illi l-kalkoli a fol 110 tal-process, kienu kalkoli ta` *passive components,* mhux ta` mutur imqabbad ma` *capacitors*. Fi kwalunkwe kaz, il-problema ma nholqitx b`valur ta` *capacitor* hazin, izda dak hazin kien il-mod u fejn tqabbdu l-*capacitors*. Dan kien kagun li jdur il-mutur meta mhux suppost li kellu jdur.

Qalu illi l-hsara inizjali li saret kienet fil-mutur meta hadem minghajr zejt, anke jekk ghal zmien qasir. Dak il-hin il-mutur ma kienx *seized*, izda *damaged*. Il-kagun ta` din il-hsara inizjali wasslet biex il-kompressur gie *seized* wara circa 53 siegha li saret il-hsara. Ta` min jinnota wkoll li l-kompressuri fuq *chiller* ma jahdmux il-hin kollu, izda jaqtghu bit-*termostat*. Ghalhekk il-kompressur ikun hadem hafna inqas minn 53 siegha.

Kien imfisser mill-periti addizzjonali illi *chiller* ghandu zewg *refrigeration circuits* kompletament independenti minn xulxin : *circuit A* ghandu zewg kompressuri ; waqt illi *circuit B* ghandu kompressur wiehed. Il-process kif jistartja c-*chiller* huwa li l-ewwel ihaddem *circuit A* u meta *circuit* ma jkunx qed ilahhaq mad-domanda, idahhal lil *circuit B.*

Ghalhekk meta c-*chiller* inghata l-kurrent wara li twahhlu l-*capacitors*, hadmu mill-ewwel l-kompressuri ta` *circuit A.* B`xorti tajba, ic-*chiller* intefa` wara ftit hin li nxteghel, meta nstema` l-hoss stramb. Dak il-hoss gie mill-hsara li kienet saret fil-kompressuri.

Il-fatt illi l-kompressur ta` *circuit B* kompla jahdem ghal sena u nofs, sakemm inbidel ic-*chiller,* jindika li l-kompressuri li gratilhom il-hsara, x`aktarx kienu jkomplu jahdmu huma wkoll ghall-inqas ghal dan il-perijodu.

Ma rrizultax mill-provi li s-sistema tac-*chillers* inbidlet minn *water to water* ghal *air to water,* izda anki jekk din kienet saret, din ma kellha l-ebda kontribuzzjoni ghal falliment taz-zewg kompressuri.

Il-periti addizzjonali ma jeskludux li seta` kien hemm dan ic-*circuit* imwahhal mac-*chiller,* izda l-istruzzjonijiet tal-*manual* tac-*chiller* kienu cari biex juru li ma kellu jsir l-ebda intervent fuq il-*wiring* tal-kompressur.

Kompressuri ta` dak it-tip issirilhom hsara mill-ewwel meta jahdmu minghajr zejt.

Dwar quantum, domandati kif waslu ghas-somma ta` EUR 24,000 ghal kull kompressur, il-periti addizzjonali rreferew ghad-dokument a fol 128 tal-process fejn il-prezz tal-kompressuri huwa ndikat minn Titan International bhala Lm 10,786.49 exc VAT, ekwivalenti ghal €25,124.

Fil-fehma tal-periti addizzjonali, dan kien ftit `il fuq mill-prezz tas-suq u ghalhekk waslu ghal figura ta` EUR 24,000 ghal kull kompressur.

Qalu illi s-socjeta` konvenuta kellha tiehu responsabbilita` tat-tiswija u mhux tal-bdil tac-*chiller* u ghalhekk il-kalkolu tad-danni saru fuq hekk.

Esprimew certezza illi kien il-mod kif twahhlu l-*capacitors* mis-socjeta` konvenuta li kkagunat il-hsara.

## V. <u>Il-piz probatorju tal-prova teknika</u>

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet illi :-

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt dak ma jfissirx li *"qorti dan tista` taghmlu b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."*(**"Grima vs Mamo et noe"** – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk, *"qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku."* (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia"** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Konkluzjonijiet peritali teknici m`ghandhomx jigu facilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irragonevoli ("**Bugeja et vs Muscat et**", Appell Civili, 23 ta` Gunju 1967) u ma jkunux ingiebu ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika ("**Grima vs Mamo et noe**" Appell, 29 ta` Mejju 1998).

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Champalin Company Limited vs Debono et**" inghad hekk :-

> *"... ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta` perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta` prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita` sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta` provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b`sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux. Ghalkemm il-Qorti m`hijiex marbuta li toqghod ghall-fehmiet ta` perit minnha mahtur kontra lkonvinzjoni taghha nnifisha, madanakollu, il-giudizio dell` arte ma jistax u m`ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b`mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet talperit huma irragonevoli."*

## VI. **L-ewwel talba attrici**

Huwa evidenti mill-gurisprudenza appena citata illi perizja teknika hija fonti oggettiva ta` prova in kwantu ghall-accertament ta` sitwazzjoni ta` fatt li ma tkunx rilevabbli xort`ohra.

Kif kien spjegat mill-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 2007 fil-kawza "**Paul Cutajar vs Bugeja Marbles Ltd**" aktar minn mezz ta` prova, il-perizja hi strument ta` valutazzjoni taht il-profil tekniku ta` dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant.

Il-Qorti qieset l-argumenti li gabet is-socjeta` konvenuta fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha fejn indikat ir-ragunijiet taghha ghalfejn din il-Qorti ghandha tiskarta l-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi r-rapport tal-ewwel periti teknici huwa teknikament korrett u ghalhekk il-Qorti ghandha toqghod fuqu.

**Wara li ghamlet ir-riflessjoni taghha, din il-Qorti sejra toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali.**

Il-prova tal-periti addizzjonali hija determinanti u m`ghandhiex tigi skartata. Fil-fehma tal-Qorti, il-periti addizzjonali ghamlu analizi aktar fil-fond tal-kwistjoni milli ghamlu l-ewwel periti. Sahansitra kisbu l-*manual* tat-taghmir, haga li l-ewwel periti m`ghamlux, kostatazzjoni li kienet rilevanti ferm ghall-fini tal-accertament tal-fatti tal-kaz.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala m`ghandhiex toqghod fuq il-prova kostitwita minn dak li kkostataw u kkonkludew il-periti addizzjonali.

Tghid dan ghaliex qieset illi l-periti addizzjonali ghamlu ezami fil-fond tal-vertenza, u taw ir-ragunijiet taghhom ghalfejn ma qablux mal-fehma tal-ewwel periti. Barra minn hekk sostnew il-fehmiet taghhom validament fil-kors tal-eskussjoni.

Din il-Qorti tistqarr minghajr mezzi termini illi dak li nghad mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom ghandha forza perswasiva superjuri ghal dik tal-ewwel periti teknici.

Ghad illi l-periti addizzjonali kienu soggetti ghal eskussjoni, din il-Qorti ma kienet skossa bl-ebda mod b`ragunijiet tali li jqeghdu fid-dubju l-fehma taghhom.

**Tenut kont tal-assjem ta` fatti, il-Qorti sejra taccetta bhala ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel talba attrici.**

## VII. It-talbiet l-ohra

Is-socjeta` attrici talbet risarciment ta` danni fl-ammont ta` Lm 26,346.08 in kwantu ghal Lm 25,000 bhala hsara attwali, u in kwantu ghal Lm 1246.08c drittijiet professjonali li thallsu lill-konsulent taghha l-Ing. Andre Cauchi.

Waqt is-seduta peritali tal-14 ta` Jannar 2008, id-difensuri tal-partijiet qablu illi ma kienx hemm bzonn illi jixhed rapprezentant tal-atturi ghall-fini tal-konferma li kien hemm nefqa da parti attrici tal-ammont ta` Lm 26,346.08.

Kien maqbul ukoll illi Dok A kien jikkostitwixxi prova tal-ammont pretiz fil-kawza tal-lum.

Dan premess, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri fejn dawn kkonkludew li s-socjeta` konvenuta ghandha tkun responsabbli tal-hsara li giet ikkagunata liz-zewg kompressuri pero` m`ghandhiex tkun responsabbli ghall-akkwist ta` *chiller* gdid.

Mill-provi akkwiziti, irrizulta li l-i*screw compressors* in kwistjoni ma jissewwewx u ghalhekk kellhom jinbidlu.

Taqbel mal-konkluzjoni tal-periti addizzjonali li s-socjeta` konvenuta ghandha tkun ritenuta responsabbli biss ghall-hsara li kkagunat liz-zewg kompressuri u ghax-xoghol relatat mal-bdil ta` l-istess kompressuri.

L-ghazla li ghamlet il-Lukanda Corinthia San Gorg illi takkwista *chiller* gdid minflok tibdel il-kompressuri danneggjati ghal ragunijiet ta` garanzija ma torbotx lil din il-Qorti li tillikwida d-danni fuq in-nefqa ghax-xiri ta` *chiller* gdid.

Din il-Qorti tirriafferma l-insenjament illi d-danneggjat ghandu jaghmel l-almu tieghu kollu sabiex inaqqas id-danni. Kopjuza hija l-gurisprudenza tal-qrati taghna f`dan is-sens. Taghmel riferenza ghas-sentenzi fost ohrajn fil-kawzi : PA – 30 ta` Gunju 2004 – "**Anthony Xuereb et vs Noel Caruana**" ; PA - 26 ta` Novembru 2003 – "**Elmo Insurance Services Ltd noe vs Trevor Vassallo**" ; Qorti ta` l-Appell - 20 ta` Ottubru 2003 – "**Maria Xuereb et vs Tbs Services Ltd**" ; u 3 ta` Novembru 1956 - "**John Xuereb vs James Edward Livick et**".

Fil-fatt huwa dmir tad-danneggjat li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara. Dan ighodd kemm fir-rigward ta` danni *ex-delicto* kif ukoll dawk kontrattwali. Id-dmir mistenni mid-danneggjat ma jfissirx li ghandu "*jitghabba b`pizijiet biex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta`x`inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta`fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta`kull kaz partikolari.*" ("**Joseph Aquilina vs Emmanuele Schembri**" – Qorti tal-Appell - 24 ta`Jannar 1969 ; **Kollez. Vol. XXXVII.I.478** ; **Kollez. Vol. XXXVIII.I.249** ; "**Accountant General et vs Joseph Spiteri** – PA - 28 ta`April, 2003).

Premessa din il-gurisprudenza, il-Qorti tirrileva illi skont ix-xiehda tar-rapprezentant ta` Titan International Limited, kien jaqbel aktar lill-Corinthia li takkwista *chiller* gdid milli tibdel il-kompressuri. Kienet esebita *quotation* a fol 128 li minnha jirrizulta li l-ispejjez biex tigi rimedjata l-hsara tac-*chiller* in kwistjoni kienet tammonta ghal Lm 23,091.70c eskluza l-VAT.

Il-periti addizzjonali ma qablux ma` din il-*quotation*. Fil-fatt huma llikwidaw l-ispejjez ta` zewg kompressuri godda fis-somma ta` EUR 48,000 u xoghol u spejjez ohra fis-somma ta` EUR 5,000.

Fil-*quotation* a fol 128, l-akkwist ta` zewg kumpressuri identici ghal dawk in ezami kien jammonta ghal Lm 21,572.98c, ossija ghal Lm 10,786.49c kull wiehed (eskluz VAT) u l-ispejjez ghall-bdil fl-ammont ta` Lm 1,518.72c. Ghalhekk it-total biex tissewwa l-hsara skont il-*quotation* a fol 128 kien l-ammont ta` Lm 25,456.12c (inluz VAT) ghall-akkwist ta` zewg kompressuri u Lm 1,518.72c bhala spejjez tax-xoghol.

Skont Dok A a fol 4 tal-process, jidher illi sar pagament ta` Lm 25,000 lil-Lukanda Corinthia San Gorg mill-assikuraturi taghha u cioe` is-socjetajiet attrici. Bis-sahha ta` dak il-hlas, l-atturi kienu surrogati fid-dritijiet tal-lukanda.

Il-Qorti hija sprovvista minn dokument li juri kemm effettivament sewa l-akkwist tac-*chiller* il-gdid. Abbazi tax-xiehda tar-rapprezentant ta` Titan International Limited, il-*quotation* biex jinbidlu l-kumpressuri kienet oghla mill-prezz ta` *chiller* gdid.

**Tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi, din il-Qorti tqis illi ghandha tikkalkola l-valur taz-zewg kompressuri fis-somma ta` EUR 24,000 kull wiehed, kif ukoll l-ispejjez relatati ghat-twahhil ta` l-istess fis-somma ta` EUR 5,000. B`hekk id-danni ghall-hsara li ghandhom jigu likwidati ghandhom jammontaw ghal EUR 53,000 ekwivalenti ghal Lm 22,752.90c. Ghalkemm din is-somma tigi anqas mis-somma ta` Lm 25,000 reklamata mill-kumpanniji attrici, fil-fehma tal-Qorti hija l-ammont i ghandu jigi rimborsat lill-kumpanniji attrici ghaliex jirrifletti bilanc bejn min-naha wahda d-dritt tad-danneggjat li jkollu *restitutio in integrum* u min-naha l-ohra jsostni l-principju li d-danneggjat ghandu jimminimizza d-danni li jkun garrab anke jekk tort ta` haddiehor.**

**Dwar l-ispejjez ta` l-Ing Andre Cauchi, fir-rikors guramentat saret riferenza biss ghas-somma mhallsa ta` Lm 1,346.08c. Din kienet is-somma li anke l-periti perizjuri rreferew ghaliha. Madanakollu in segwitu l-atturi pprezentaw nota b`kopja tal-kontijiet relatati ma` dan il-kaz li hareg l-Ing. Andre Cauchi (fol 233 et seq). Skont dawn il-kontijiet, jirrizulta li l-ispejjez kienu EUR 2,850.10 piu` Lm 1346.08c ekwivalenti ghal EUR 3135.52c : total ta` EUR 5,985.62. L-atturi talbu rimbors ta` dawn l-ispejjez li skont huma kienu mehtieg u sabiex jikkonsultaw ruhhom kemm qabel saret il-kawza kif ukoll fil-kors tal-kawza.**

**Is-socjeta` konvenuta ma kkontestatx din in-nefqa.**

**Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jsir dan ir-rimbors billi dik kienet spiza accessorja u relatata mat-talbiet li ghamlu l-atturi fl-istanza tal-lum.**

**<u>Ghalhekk qeghda tillikwida favur l-atturi ammont shih ta` EUR 58,985.62.</u>**

Mhux kontestat mill-konvenuta li l-ammont likwidat ghandu jitqassam in kwantu ghal 50% favur Atlas Insurance PCC Ltd, 23% favur Middlesea Insurance plc, 17% favur GasanMamo Insurance Ltd u 10% favur Citadel Insurance plc. Huwa evidenti li hawn si trattava ta` *co-insurance cover* fejn ir-riskju assikurattiv ma ingarrx minn kumpannija ta` assikurazzjoni wahda izda minn erba` kumpanniji flimkien ghalkemm fi proporzjonijiet diversi.

Il-Qorti sejra taqsam il-hlas skont il-paragrafu precedenti.

**Jifdal il-kwistjoni ta` <u>l-imghax</u>.**

L-atturi talbu l-hlas tal-imghax b`effett mit-2 ta` Marzu 2006, id-data tal-indenniz li sar favur il-Lukanda Corinthia San Gorg (Dok A fol 4).

Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom, l-atturi rrilevaw illi huma kienu qeghdin jitolbu l-hlas tal-imghax b`effett mid-data tal-presentata ta` din il-kawza u cioe` s-16 ta’ Jannar 2007.

Jirrizulta bhala fatt illi l-Qorti sejra tillikwida ammont differenti minn dak li thallas mill-atturi.

Inoltre parti mill-ammont li qed jigi likwidat jinkludi l-hlas ta` drittijiet professjonali li saru mill-atturi lill-Ing. Andre Cauchi.

Dawn il-fatti jeskludu li jista` jigi reklamat imghax b`effett mit-2 ta` Marzu 2006.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat fit-28 ta` Jannar 2016 fil-kawza "**Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia**" fejn inghad hekk :-

*Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et**". Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*

*Inghad hekk :-*

*"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "**Noel Ellul vs James Gollcher**" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-*

*konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :*

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**O`Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru limghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq lobbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

*" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "limghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O`Connor –vs- Bruno Olivier**", Vol XVI pI p84)."*

***Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-konvenut.***

***Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, il-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala ftit, u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum."***

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sejra timxi fuq din il-gurisprudenza.

Fil-fatt it-tnaqqis li ghamlet il-Qorti mit-talba originali huwa bi ftit relattivament u cioe` 9%.

**Ghalhekk fil-fehma taghha l-imghax legali ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-konvenuta.**
**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida d-danni kollha tal-atturi fl-ammont komplessiv ta` tmienja u hamsin elf disa` mija hamsa u disghin Ewro tnejn u sittin centezmu (€58,985.62).

Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta` disgha u ghoxrin elf erba` mija tnejn u disghin Ewro wiehed u tmenin centezmu (€29,492.81), sabiex thallas lill-kumpannija attrici Middlesea Insurance plc is-somma ta` tlettax-il elf hames mija sitta u sittin Ewro disgha u sittin centezmu (€13,566.69), sabiex thallas lill-kumpannija GasanMamo Insurance Limited is-somma ta` ghaxart elef u sebgha u ghoxrin Ewro hamsa u hamsin centezmu (€10,027.55), u sabiex thallas lill-kumpannija attrici Citadel Insurance plc is-somma ta` hamest elef tmien mija tmienja u disghin Ewro sitta u hamsin centezmu (€5,898.56), bl-imghax legali fuq kull ammont b`effett mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-kumpannija konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk taz-zewg ittri legali datati 13 ta` Ottubru 2006 u 6 ta` Novembru 2006, kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju li kien prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur